## 16 ta' Jannar, 1965

## Imħallef:

## Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.

Eric Formosa

*versus*

Albert Mizzi

## Kontumaċja.

*Il-konvenut ma jistax jiġġustifika l-kontumaċja billi jargomenta li ma rċeviex mingħand il-Purtier jew Marixxall li nnotifikah it-twissija a bażi tad-diċitura stampata fiċ-ċitazzjoni.*

*Il-ħtija jew negliġenza tal-parti huwa ta' ostakolu għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.*

Il-Qorti, rat ir-rikors tal-konvenut tad-9 ta' Jannar, 1965; u l-eċċezzjonijiet annessi;

Semgħet l-Avukati;

Ikkunsidrat:

Li skond l-art. 186(1) tal-Proċedura Ċivili n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun notifikata, eċċ.

Li mir-riferta tal-Marixxall jirriżulta li l-konvenut fit-12 ta' Diċembru, 1964, ġie personalment notifikat bil-kopja taċ-ċitazzjoni; u li huwa naqas li jippresenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet bid-dikjarazzjoni fiż-żmien preskritt mil-liġi.

Li, l-argument tal-konvenut meħud mid-diċitura stampata fiċ-ċitazzjoni, u relativ għall-fatt li huwa ma ġiex imwissi li jekk irid jikkontesta t-talba, u għandu mhux anqas minn jumejn ġranet xogħol, qabel il-ġurnata li fiha għandha tinstema l-kawża, jippresenta nota ta' l-eċċezzjonijiet skond il-liġi — ma jidhirx li għandu validità legali, għaliex,

a) l-ordni li tagħti l-Qorti fiċ-ċitazzjoni jinsab regolarment speċifikat bl-imsemmija kliem stampati li, suppost, li trattadosi ta' termini legali, ma jistgħux jiġu injorati għassempliċi raġuni li l-konvenut ma kienx jaf bihom jew ma ġiex imwissi mill-Marixxall jew mill-purtier li jinnotifikah;

b) minn ebda parti tal-liġi ma jista' jiġi rikavat ebda argument favur it-teżi tal-konvenut għaliex, kieku kellha tiġi milqugħa l-pretensjoni tiegħu, jkollu jiġi ritenut li l-Marix-

xall għal kull notifika ta' skrittura li jagħmel fuq l-ordni tal-Qorti, għandu joqgħod jispjega l-liġi lill-persuna hekk notifikata, dwar kif għandha tiddiporta ruħha jew le biex tevita l-kontumaċja, jew li tiġi b'xi mod preġudikata jekk ma tirrispondiex għall-kontenut ta' l-istess skrittura. Dan mhuwiex il-kompitu tal-Marixxall, anzi huwa awgurabbli li fin-notifiki ta' l-atti ġudizzjarji l-Marixxall jibqa' kemm jista' jkun estraneu għal kwalunkwe parir jew suġġeriment li mhux awtorizzat jagħmel u anqas huwa kompatibbli ma ordni li għandu jesegwixxi;

c) li m'għandux jintnesa li skond il-liġi hija valida wkoll in-notifika ta' skrittura li titħalla f'idejn membru tal-familja, jew tad-dar, f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna fil-lok fejn toqgħod jew taħdem. Issa jekk l-argument tal-konvenut jista' jkollu xi parvenza ta' utilità pratika biex tiġi evitata l-kontumaċja, meta ċ-ċitazzjoni tiġi notifikata personalment lill-konvenut, l-istess ma jistax jingħad meta għall-konvenut tiġi notifikata waħda mill-persuni fuq imsemmija; u dana għaliex l-istess ammoniment pretis mill-konvenut jisfuma fix-xejn meta l-iskrittura tiġi f'idejn terza persuna li ma tkunx interessata fiha, ħlief billi tittrasferiha lil min kellu jirċeviha skond il-liġi.

Ikkunsidrat:

Li, kif ġie dejjem ritenut mill-Qrati tagħna n-negliġenza u l-ħtija tal-parti fin-nuqqas ta' dehra quddiem l-ewwel Qorti, ma tiġġustifikax il-kontumaċja; u l-konvenut, ħlief l-imsemmi pretest, ma adduċja ebda raġuni oħra li tista' tiskolpah, u tammettieh jippurga l-kontumaċja (App. Inf. tat-3 ta' Mejju, 1943 in re "Mercieca vs. Mifsud"; u tal-21 ta' Diċembru, 1942, in re "Zarb vs. Chircop"; tat-12 ta' Jannar, 1942, in re "Grixti utrinque"; u Kollez. XXXI, i, 405).

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talba, u tordna li n-noti ta' l-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni annessi mal-istess rikors, jiġu sfilzati, u li l-kawża titkompla fil-kontumaċja tal-konvenut.

L-ispejjeż ta' dana l-inċident jibqgħu definitivament a kariku tal-konvenut.